# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04

**09 ta' Settembru, 2019**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronnie Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 4.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**4.1.1** **Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa, għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

## 4.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

**4.2.1** **Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kienx hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 4.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**4.3.1** **Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista' ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Viċi Sindku Oriana Calleja ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Louise Cachi Castelletti issekondat.**

**Il-Kunsill approva l-pagamenti.**

**4.3.2** **Il-Kunsillier Ronnie Portelli ma approvax il-pagament ta' Michael Calleja. Il-Kunsill qabel li nerġu niddiskutu l-paga tas-Sur Calleja fil-laqgħa li jmiss.**

## 4.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**4.4.1** **Is-Sindku propona li din darba nippruvaw nagħmlu Jum Ta' Xbiex u Connecting Through Culture f' ġurnata waħda minħabba li għandna żmien kontrina.**

**Il-Kunsill qabel u ddeċidew li jagħmluha is-Sibt fit-28 ta' Sttemebru 2019.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li bħala *marketing* rridu nbidlu naqa zgħira l-artwork tal-flyer u m'għandniex għalfejn nagħmlu marketing daqs sena l-oħra.**

**Il-Kunsill qabel li din is-sena ma nagħmlux il-bnadar tal-ambaxxatti fuq il-flyer u bħala marketing nqassmu f'kull *household* f'Ta' Xbiex u *social media*.**

**Is-Sindku qal ukoll li jixtieq li fic-*chat* li għandna fuq *whatts app dwar Connecting Through Culture* ndaħħlu ukoll lill-Vici Sindku Oriana Calleja. Il-Kunsill qabel.**

**Il-Kunsill iddiskuta li hemm bżonn nsibu band tajba mingħajr ma noħorġu *out of budget.***
**Il-Kunsill qabel.**

Is-Sindku saqsa hekk għandniex nagħmlu kollox bħas-sena l-oħra jew nkella nbidlu l-post ukoll minħabba li qed naraw li fadal ftit zmien. Is-Sindku issugerriexa li nagħmluh fl-area fejn hemm il-Belvedere. Il-Kunsill qabel li se jikkunsidra u jerġu jitkellmu.

4.4.2 Il-Kunsill iddiskuta kif għandu jingħata Ġieħ Ta' Xbiex. Il-Kunsill qabel li s-sena dieħla għandna nirrevedu r-regoli ta' kif wieħed jista jinnomina lil xi ħadd biex jingħatalu Ġieħ Ta Xbiex.

Għal din is-sena il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jingħata lis-Sur Frank Roe kif ukoll lis-Sinjuri Lawrence u Maria Zahra minħabba li dawn għamlu ħafna ġid għal-lokalita' Ta' Xbiex kif ukoll il-komunita ta' Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jagħti premju lil Emeritus Marie Louise Coleiro għas-servizz u tal-għajnuna li dejjem tgħat lill-lokalita' tagħna b'mod speċjali fl-attivita' ta' *Connecting Through Culture 2018.* Il-Kunsill qabel li dan il premju għandu jingħata f xi okkażżjoni differenti minn dik li qed tiġi diskussa llum.

4.4.3 Sindku qal li t-*tender* tal-knies skada u wasalna biex noħorġu ieħor. Huwa issuġġerixxa li nżommu l-istess *specifications* bid-differenza li kull triq issir darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel.

4.4.4 Is-Sindku Max Zammit qal li t-Turkija jixtiequ jagħmlu kollaborrazjoni ma kunsill ta' Malta. Dan huwa post mal-baħar bil-*yacht marina* u peress li għandna l-ambaxxata b'relazzjoni tajba mal-kunsill huwa tajjeb li napplikaw għaliha. Is-Sindku qal li għandna ħafna similiritajiet bħal *seaside area, yacth marina, yacht club etc.*

Is-Sindku propona li *contact person* tkun il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti minħabba li jaqa taħt id-dekasteru tagħha.

Il-kunsill qabel li napplikaw.

4.4.5 Sindku qal li peress li l-Kunsill tagħna jorganiżża l-attivita' ta' *Connecting Through Culture,* l-President tal-AKL is-Sur Mario Fava stediena għal attivita' li ser ssir ġewwa Budapest bl-isem ta' *Mittos International Festival* f'Ottubru li ġej. Is-Sindku saqsa min hu interessat li jitla u kien hemm qbil unanimu li jitla s-Sindku Max Zammit.

## 4.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

4.5.1 Il-Viċl Sindku saqsiet għalfejn Triq id-Deffa qed tkun maħmuġa. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li ser jieħu hsiebha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal ukoll li l-kennies li għandna bħalissa huwa tajjeb u mhux qed jidħlu *complaints* fuqu u jaħseb li qed tkun maħmuġa għax inzerta li jaqbel ir-riħ u jinġabar l-ħmieġ f'kantuniera waħda.

## 4.6 Reply to Management Letter;

4.6.1 Ir-*Reply to Management Letter* ġew mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv għall-approvazzjoni. Ma kienx hemm l-ebda korrezzjoni.

Ir-Reply to Management Letter ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

## 4.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

4.7.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li hemm bżonn *Mechanical Sweeper* bil-van tal- *brushes u jdur* Ta' Xbiex kollu.

4.7.2 **Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li ħdejn *zebra crossing* tal-ġnien trid tinqala *culvert* u tinfetaħ. Is-Sindku qal li rridu nġibu *plumber* biex jirranġaw il-*culvert*. Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal li l-ħaddiema ġieli pruvaw jiftħuwha imma sabu l-katusi mkisrien.**

## 4.8 *Rapporti mill-Kunsilliera;*

4.8.1 **Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li Calamata li huwa post ġewwa l-Greċja jixtiequ jagħmlu *town twinning* magħna. Hija infurmat lil Kunsilliera li din il-lokalita' tinsab mal- baħar u għandha tirċievi iktar informazzjoni. Is-Sindku saqsa kemm hi l popolazzjoni u weġboetu li hemm madwar 70000 resident.**

## 4.9 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru, 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

4.9.1 **Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2019.**

| | |
|---|---|
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |